**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 27 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru: 1323/02 AJD**

**Anthony sive Antoine Vassallo**

**vs**

**Alfred Demicoli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm153.78) rappresentanti in kwantu ghall-Lm145.62 l-import ta' zewg kambjali ta' Lm72.81 kull wiehed li mmaturaw fis-27 ta' Awissu 2001 u s-27 ta' Dicembru 2001 u in kwantu ghal Lm8.16 imghaxijiet legali dovuti sallum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghax

legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezentax risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana, in rapprezentanza tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm153.78), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju prezentat kontra l-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**